**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 21 t'April 2016**

**Pulizija**

**Spettur Trevor Micallef**

**Vs**

**Luke Sciberras**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Luke Sciberras, iben George u Emanuela nee' Zammit, imwieled Pieta' nhar il-15 ta' Settembru 1989, residenti 22, Sqaq Has-Sajjied Nru. 1, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita 434989M;

Talli fit-2 ta' Marzu 2015 ghal habta tas-saghtejn ta' filghodu (02:00a.m) f'dawn il-gzejjer:

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Jeremy Farrugia;

2) Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-kawza tittratta argument li qam bejn zewg persuni fis-sieghat bikrin tat-2 ta' Marzu 2015, fejn "Luke's Takeaway" f'Paceville, San Giljan. Dan l-argument skala tant li l-persuni, Jeremy Farrugia u l-imputat, spiccaw gew fl-idejn u sofrew xi griehi. Farrugia gie ezaminat l-isptar u gie ccertifikat li kien qed isofri minn griehi gravi. Aktar tard dakinhar stess, wara nofsinhar, l-imputat gie interrogat mill-Ispettur Trevor Micallef u rrilaxxja stqarrija, fejn qal li kellu argument ma' Farrugia u spicca tah xi daqqiet bhal ma qala' hu minn ghandu, izda nnega li kien hu li aggredih jew li beda jkellmu hazin u jheddu.

Mill-provi prodotti l-Qorti hi aktar propensa temmen il-verzjoni ta' Farrugia, li xehed quddiem din il-Qorti, minn dik tal-imputat, li ghazel li ma jixhedx. Ix-xhieda li gew prodotti kollha kkonfermaw li kien hemm glieda bejn Farrugia u l-imputat. Kien hemm min qal li l-glieda bdiha l-istess imputat, meta mar fuq Farrugia u tah daqqa go rasu. Uhud mix-xhieda anke qalu li raw oggett iebes f'idejn l-imputat, izda dan ma giex ippruvat b'mod soddisfacenti ghall-Qorti. Madankollu, hu minnu li t-tnejn kienu involuti f'din il-glieda, u hu minnu wkoll li Farrugia sofra griehi gravi, kif deskritti fic-certifikat mediku esebit fl-atti. Peress illi l-verzjoni ta' fatti moghtija minn Farrugia ma gietx kontradetta mill-imputat jew minn xhieda prodotti minnu, il-Qorti sejra tiehu dik il-verzjoni bhala l-wahda veritjiera.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 216(1)(b) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Issib lill-imputat hati u tikkundannah ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2), ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**